# IL-MEWT TAN-NANNA
(1974)

Jieħdu sehem:
KELINU, iben il-mejta.
LONZA, mart Kelinu.
MARIJA, il-bint fustanija ta' Kelinu u Lonza.
ĠUŻEPPA, il-bint il-kbira ta' Kelinu u Lonza.
ALEX, bin Ġużeppa, tifel ta' erba' snin.
GREZZJU, żewġ Ġużeppa.
TONIO, l-iben iż-żgħir ta' Kelinu u Lonza.
STIEFNU, żewġ Connie, bint Kelinu u Lonza.
IN-NANNA, omm Kelinu

*XENA: Kamra vojta b'tebut magħluq fin-nofs. It-tebut ikun imdawwar b'banketti fuq tliet naħat tiegħu.*
*DAWL: Naturali.*
*ĦIN: Il-ħdax ta' filgħodu.*
*ĠURNATA: It-3 ta' Novembru, 1972.*

*KELINU jkun bilqiegħda fuq il-banketta tan-nofs fit-tarf tat-tebut. LONZA tkun bilqiegħda fuq il-banketta tal-lemin tiegħu. Għandhom espressjoni mdejqa (komuni ħafna fost dawk in-nies li jmutilhom xi ħadd tal-familja). LONZA kultant taqbżilha xi demgħa wkoll u tinstema' tolfoq ukoll. MARIJA tinsab bilqiegħda fuq in-naħa tax-xellug ta' KELINU. Hija wkoll għandha maktur f'idejha u qiegħda tnewwaħ bil-mod. ĠUŻEPPA tkun bilqiegħda ħdejn LONZA u t-tifel tagħha ALEX ikun bilqiegħda ħdejha.*

KELINU: Miskina ommi. Kif kellha tmut ħabta u sabta, hekk ħesrem. Kienet tant fuq ruħha, lanqas f'mitt sena ma kont nistennieha.
LONZA: Kemm kienet mara tar-ruħ jaħasra. Mara bħalha żgur il-ġenna dritt tibqa' tiela' ruħha.
KELINU: Seba' u sebgħin sena. Ma kinitx xi mara żagħżugħa iżda kienet għadha soda għall-età li kellha.
ĠUŻEPPA: Meta sibtuha mejta?
MARIJA: X'ħin kien, ma? Qisu fit-tmienja. Tista' taħseb kont qiegħda nlesti biex immur l-iskola. Imnalla ddeċidiet li titla' ttellagħlha l-kafè ommok għax kieku mort nagħtihulha jien u sibtha mejta jien ... żgur kien jagħtini xi ħass ħażin.

*Pawsa twila, miksura biss bl-ilfieq ta' LONZA.*

KELINU: Kemm kienet mara sew jaħasra ommi. Kulħadd hekk jgħid min jafha. Tiftakar kemm kienet tikolha l-għatba tal-knisja. Kemm kienet imdejqa meta waqgħet u ma setgħetx timxi sew aktar u ma setgħetx tibqa' tmur?
MARIJA: Dejjem il-knisja. Kienet tbakkar kmieni biex tilħaq tal-ewwel, imbagħad kienet tibqa' hemm iżżebbeġ fil-kuruna tar-rużarju.
KELINU: U kemm kienet ħafifa, f'leħħa ta' berqa kienet tasal .... qabel waqgħet.
ĠUŻEPPA: Tassew kienet tal-knisja.
KELINU: Kull xahar kienet tagħti donazzjoni mill-pensjoni tagħha.
LONZA: Jekk ruħha ma titlax il-ġenna ma nafx ta' min titla'.

_Pawsa._

KELINU: Kemm se jdum Grezzju. Iss'ilu ftit sew li mar għat-tifel.
ĠUŻEPPA: Forsi ma setax joħroġ malajr mill-klassi. Jew ma sabux. Waħda minnhom.
MARIJA: Ma kellux imur jixtri xi fjuri wkoll?
LONZA: Miskin ara kif se jibqa' skantat Tonio kif isir jaf.
MARIJA: Kemm kien iħobbha. U kemm kienet tħobbu hi. Dejjem tagħtih xi ħaġa tal-flus meta ddaħħal tax-xahar. U hu kien jgħinha wkoll. Mhux l-ewwel darba li tagħtu xi xelin biex jaħslilha l-art tal-kamra tiegħu.
ALEX: _(lil ommu)_ Ma, imxi mmorru d-dar. Iddejjaqt hawn.
ĠUŻEPPA: Issa mmorru. Imma mhux issa, stenna ftit.
ALEX: _(lil ommu)_ Ma, għandi l-ġuħ. Irrid biċċa ħobż.
ĠUŻEPPA: Issa la mmorru d-dar nagħtik.
LONŻA: U agħtih biċċa miskin, la qabdu l-ġuħ.
ĠUŻEPPA: Salib int. Dejjem salibi kont. Ħa nagħmillek biċċa għax se jaqagħlek.

_ĠUŻEPPA tqum u toħroġ._

LONZA: It-tabib qal li aktarx li ma batitx fis-siegħa tal-mewt. Mietet bħall-għasafar, hux hekk jgħidu. Jekk ma mititx fl-irqad.
MARIJA: U kif mietet hux? Ilbieraħ kienet tajba.
KELINU: Ilbieraħ qalet li se tinżel isfel illum, tant kemm ħassitha tajba.
LONZA: Dik kienet, kif tgħid, jgħidu li qabel il-mewt il-bniedem dejjem jaqleb għall-aħjar.

_Tidħol ĠUŻEPPA b'biċċa ħobż f'idejha. Tagħtiha lil ALEX u terġa' tpoġġi bilqiegħda fejn kienet._

ĠUŻEPPA: Hawn ħa salib. _(lill-oħrajn)_ Kemm se jdum dak?
LONZA: Naħseb wasal biex jiġi issa.

_Jidħlu GREZZJU u TONIO._

LONZA: Hawn huma. Semmi x-xitan u jitfaċċa.
TONIO: X'ġara, ma?
LONZA: Nanntek ħallietna, ibni.
TONIO: Xi ġralha? Ilbieraħ tajba kienet.

_GREZZJU joqgħod bilqiegħda ħdejn it-tifel ALEX u TONIO jmur bilqiegħda ħdejn oħtu MARIJA._

TONIO: Jien għaddejt minn ħdejn il-kamra tagħha dalgħodu f'xi s-sebgħa u għidtilha 'berikni nann'. U meta rajt li ma weġbitnix ħsibt li għadha rieqda. Għalhekk ma tajtx każ u nżilt isfel, ħadt il-kafè u tlaqt lejn l-iskola. Imbagħad f'xi d-disgħa ġie għalija Grezzju.
GREZZJU: Għall-ewwel għidtlu li taha ħass ħażin ikrah imma mbagħad kif ħareġ mill-klassi għidtlu li kienet mietet.
TONIO: Bqajt iċċassat.

_Pawsa twila._

LONZA: U ħabat tajjeb li ma tajtulhiex int il-kafè Marija, kieku ma nafx x'kont tagħmel.
MARIJA: Kont nitlaq il- kafè minn idi u nitlaq niġri 'l barra. Allaħares rajtha mejta.
LONZA: Anzi għidtlek biex ittellagħhulha int. Mnalla għidtli li qed tgħaddi l-libsa u ma stajtx. Għalhekk qbadt u tellajtulha jien.
MARIJA: Lil Stiefnu ċempiltulu biex jiġi?
LONZA: Ċempilnielu kieku. Għandu jipprova joħroġ mix-xogħol u jibqa' ġej dritt hawn.
ĠUŻEPPA: X'qal meta għidtulu?
TONIO: Tgħidlix li għidtulu fuq it-telefown li mietet?
LONZA: Mill-ewwel għidtnielu.
TONIO: X'qal?
LONZA: Xi tridu jgħid? Qal li ġej mill-aktar fis. Iss'ilna nofs siegħa li ċempilnielu naħseb.
KELINU: Daqs għoxrin minuta.
LONZA: Għandu l-isbaħ tliet kwarti biex jasal daqs kemm għandu bogħod.

*Pawsa.*

KELINU: Ġew il-garaxx u qaluli li hemm xi ħadd għalija fuq it-telefown. Huma qaluli li ommi kien taha ħass ħażin iżda jien mill-ewwel indunajt. Wiċċhom kien juri li ommi kienet mietet u mhux kif qalu huma.
MARIJA: Kieku tafu x'qatgħa tatni kif smajtha twerżaq.
ĠUŻEPPA: X'ma twerżaqx, taraha mejta hemm quddiemek.
MARIJA: Meta staqsejtha xi ġralha, qaltli li 'għandikun mietet in-nanna'. Jien x'nanna nanna. Tlaqt niġri u nżilt it-taraġ sitta sitta u ħriġt sparata mill-bieb 'il barra.

*TONIO, ĠUŻEPPA u GREZZJU jitbissmu.*

LONZA: Kif dħalt fil-kamra, l-ewwel ħabbatt ftit bħas-soltu u kif rajt li ma weġbitnix, qbadt u dħalt. Poġġejtilha l-kafè fuq il-komodina u mort inċaqlaqha biex inqajjimha. U kif ma weġbitnix werżaqt waħda tal-ġenn u ħriġt 'il barra. Xufftejha kienu vjola u għajnejha mberqin u mqabbżin xiber 'il barra. Miftuħin baqgħu sakemm ġie t-tabib u għalaqhomlha huwa.

KELINU: Jien lanqas ridt nemmen lil widnejja meta ċempiltuli fuq ix-xogħol.

*Pawsa qasira.*

GREZZJU: Għall-funeral kollox għandha lest? Il-fjuri ordnajthom. Ħallejthom fis-salott. Għad-difna kollox lestejna hux. Il-pulizija għidtilhom biex iżommulna ftit it-traffiku għall-ħabta tal-erbgħa u nofs sakemm ngħaddu biha għaċ-ċimiterju.
MARIJA: Ma nafx għaliex mintomx se toħduha b'karozza tal-mejtin.
KELINU: Ħela ta' flus, lanqas hawn erba' toroq bogħod.
GREZZJU: Fuq ir-reffiegħa ddeċidejtu?
TONIO: Jien nixtieq nerfa', ma.
LONZA: U ma tarax ibni, għadek żgħir.
GREZZJU: *(b'nofs tbissima)* Naħseb li b'saħħtek biżżejjed biex terfagħha waħdek Tonio.
TONIO: Waħdi ma nerfagħhiex imma magħkom.
KELINU: Mela trid twaqqagħha f'nofs triq u jinfetaħ it-tebut u tagħmel xi straġni.

LONZA: Ikollna nqabbdu bokkamort.
GREZZJU: Bokkamort għalfejn? Spejjeż żejda.
ALEX: Bokkamort x'inhu, mami?
ĠUŻEPPA: Wieħed li jerfa' t-twiebet. Iss'oqgħod bilqiegħda kwiet għax nugżak lil missierek.
GREZZJU: *(jaqbad it-tifel u jpoġġih f'ħoġru, waqt li jilgħab ftit miegħu)* Int kwiet qiegħed, ja mqareb. *(ipoġġih bilqiegħda ħdejn ĠUŻEPPA)* Jien naħseb li jiena, int Kelin u Stiefnu nistgħu nerfgħuh. Imbagħad għall-ieħor, paċenzja nqabbdu bokkamort.
TONIO: Lanqas ħaqq li teħlu xi tliet liri tiegħu. Nerfa' jien, mela jien xi bażwi?
LONZA: Minn banda sewwa qed jgħid. Lanqas ħaqq li neħlu tliet liri fuq wieħed barrani.

*Pawsa twila.*

GREZZJU: Lil Connie għadkom m'għidtulhiex?
LON ZA: Dik ma nafx kif se ngħidulha, għax nibża' li jiġrilha xi ħaġa billi tqila. Taf kemm iġġibhom bi kbar dik.
KELINU: Aħjar jgħidilha Stiefnu bil-kwiet, milli ngħidulha aħna.
MARIJA: Jien jidhirli li taċ-ċajt li ma tgħidilhiex għax tieħu għaliha żgur daqs kemm hi bużżieqa.
LONZA: La jasal Stiefnu naraw kif jaħsibha imbagħad naraw x'nagħmlu.

*Pawsa.*

LONZA: *(lil ĠUŻEPPA)* Ġuż, mur agħmel ftit kafè.
GUŻEPPA: *(lil GREZZJU)* Mur agħmel ftit int ħi għax m'għandix aptit inqum.
GREZZJU: Ħallini, għadni ġej minn barra. Qum ftit int għażż.
ĠUŻEPPA: *(hija u tqum)* Min irid kafè? Kulħadd? *(lil GREZZJU)* Ħu ħsieb daqsxejn it-tifel.
TONIO: Ħa niġi ngħinek oħt.

*ĠUŻEPPA u TONIO joħorġu.*

LONZA: Imnalla lħaqt poġġejt il-kikkra tal-kafè fuq il-komodina għax żgur kont nitlaqha fl-art kieku bil-qatgħa li ħadt.
MARIJA: Kieku taf kif kulħadd ħareġ jiġri minn daru meta semgħu 'l mami twerżaq barra t-triq.
GREZZJU: Bilħaqq, id-dehbijiet li kellha fuqha neħħejtuhomlha għax jistgħu joħduhomlha.
LONZA: Naf iva, neħħejnihomlha. Ċioè, mhux jien neħħejthomlha imma Rożi ta' faċċata. Għandha stonku mgħarrqa. Qabditilha subgħajha u neħħitilha ċ-ċrieket li kellha. Dak kulma kellha fuqha. Ċurkett tal-għerusija u ieħor tat-tieġ.
MARIJA: Mur ġibni noħorġilha ċ-ċrieket minn subgħajha. Jaqbadni l-bard niftakar.
ĠUŻEPPA: *(minn barra)* Zokkor kemm tieħdu?
LONZA: Jien xejn.
MARIJA: Jien waħda.
KELINU: Jien ukoll. Waħda agħmilli.
GREZZJU: Jien tnejn bħas-soltu.
LONZA: *(lil ALEX)* Ejja ftit ħdejn in-nanna, ħa nħobbu ftit. *(tpoġġih f'ħoġorha)* Ħallietna l-bużnanna miskina.
ALEX: Fejn marret?
LONZA: Il-Ġenna. Iss'ibda itlob għaliha kull meta tmur il-knisja eh?
ALEX: Kuljum.

MARIJA: Kemm se jdum ma jiġi Stiefnu, naħseb li issa wasal biex jiġi.

*GUŻEPPA u TONIO jidħlu bil-kikkri tal-kafè u jqassmuhom. Ipoġġuhom kollha fuq it-tebut.*

MARIJA: Nispera li sal-lejla tkunu rranġajtu kollox biex toħduha ċ-ċimiterju. Jekk tħalluha hawn, jien żgur ma norqodx hawn dallejl. Mela, biex tqum għalija jew tirxoxta jew xi ħaġa.
TONIO: U l-istess ħaġa għalija. Mela ma norqodx bil-mejtin hawn ġew. Ħalluni x'biża'.
KELINU: *(qisu ħa għalih)* Mhux in-nanna?
TONIO: Għalhekk, għax in-nanna.
GREZZJU: U mur ja beżżiegħ, tibża' minn dellek.
TONIO: Għid li trid imma jien żgur ma norqodx hawn ġew jekk tħalluha hawn.
GREZZJU: Mela l-mejtin jistgħu jagħmlulek xi ħaġa? Ibża' mill-ħajjin mhux mill-mejtin.
TONIO: Daż-żgur, kelma għidt.
MARIJA: Jien għalija agħmlu li tridu iżda jekk tħalluha hawn, immur norqod għand Ġużeppa jew Connie.
TONIO: U jien miegħek.
KELINU: *(b'dispjaċir)* U dan mhux paroli vojt? Mhux diġà għidtilkom li l-lejla se noħduha ċ-ċimiterju. Imbagħad jidfnuha għada filgħodu. Il-lejl tgħaddih fil-montwarju.
MARIJA: Fi xħin se toħduha?
KELINU: F'xi l-erbgħa u nofs.
MARIJA: Jien mhux ġejja l-funeral.
TONIO: Lanqas jien.
KELINU: Int trid tiġi.
TONIO: Għalfejn għandi niġi?
KELINU: Trid imqar iżżomm il-fjuri.
TONIO: Imma jien niddejjaq.
LONZA: Mela xi ħadd minna se jieħu pjaċir.
KELINU: Billi tagħmel daqsxejn sagrifiċċju għal nanntek se taqa' d-dinja?
TONIO: Mela niġi. Imma jien ma rridx naraha mejta. Jekk jiftħu t-tebut nitlaq in-naħa l-oħra.
GREZZJU: Imma jmissek taraha tal-aħħar qabel jidfnuha.
TONIO: Mela x'nagħmel.
LONZA: U ħallih int. Aħjar hekk. Jibqa' jiftakarha ħajja għax inkella dejjem l-istampa tagħha mejta jibqa' jiftakar.

*Jinstema' l-bieb ta' barra jinfetaħ.*

LONZA: Naħseb wasal Stiefnu.

*Jidħol STIEFNU.*

STIEFNU: X'ġara?
LONZA: *(waqt li tnewwaħ)* Mietet in-nanna.
STIEFNU: *(waqt li jpoġġi bilqiegħda fuq banketta)* Connie taf?
ĠUŻEPPA: Trid kafè? Għad fadal misħun jekk trid.
STIEFNU: M'għandix aptit.
LONZA: M'għidtnielha xejn għadna lil Connie.
STIEFNU: Aħjar hekk. Dik iġġibhom bi kbar wisq. Aħjar ngħidilha jien bil-kwiet. Meta se toħduha?

KELINU: Illum fl-erbgħa u nofs.
TONIO: Tinsewx tiktbu lil ħija u tgħidulu x'ġara.
KELINU: Daqs kemm iħabbel rasu dak. Qiegħed tajjeb hemm dak, l-Ingilterra, trankwill u ma jimpurtah minn xejn.
LONZA: _(lil KELINU)_ Lil ħuk trid tibgħat tgħidlu mill-aktbar fis possibli għax dak taf kif inhu, kemm jieħu għalih malajr.
KELINU: Nipprova nibgħatlu telegramma.
LONZA: Tibgħatlu telegramma xejn għax b'telegramma ma tfiehmux. Aħjar iċċempillu.
KELINU: Inċempillu?
LONZA: Allura mhux ta' darba. Mur ara kemm tista' tiġik telefonata sa Londra. Forsi żewġ liri? Għidlu li għandek tgħidlu u daqshekk.
ĠUŻEPPA: Mela. Hekk sew. Ċempillu. Forsi fuq kollox ikun irid jiġi għall-funeral.
KELINU: U x'jiġi għall-funeral hu. Mela sal-ħamsa ta' filgħaxija se jilħaq jiġi.
ĠUŻEPPA: Inti taf x'jagħmel dak. Dik mhux ommu fuq kollox? Forsi jkun irid jiġi. Int ara x'jgħidlek. Fil-każ tidfnuha xejn illum.
KELINU: Kieku xorta waħda ma kinux se jidfnuha llum għax filgħaxija ma jidfnux mejtin. Jiena nċempillu, imbagħad jara hu.
TONIO: Għidlu wkoll biex iċempel lil ħija meta ċċempillu ħa jgħidlu hu.
KELINU: Ġaħan u l-bieb. Dawk lanqas biss jitkellmu. Mela nsejt li .....
TONIO: Iva bilħaqq. Kont insejt.
GREZZJU: Lil ħuk Karmenu aħjar ma tibgħat tgħidlu xejn. Dak mhux l-isptar qiegħed?
STIEFNU: Tista' tgħid liz-ziju biex ma jgħidlu xejn għalissa qabel jaqleb għall-aħjar.
KELINU: Mela dak xi darba se jaqleb għall-aħjar. Dak ftit għandu ħajja. Lanqas nagħtih ġimagħtejn oħra.
MARIJA: U għaz-zija x'se tagħmel?
KELINU: Dik ħaġa żgħira. Ittra tkun biżżejjed. Ma naħsibx li se toħodha bi kbira wisq il-mewt t'ommha. Dawk ilhom ma jitkellmu l-isbaħ għoxrin sena issa.
MARIJA: Forsi issa jiddispjaċiha li nfiret minn ommha mingħajr ma reġgħu tkellmu.
KELINU: Ma nafx, imma ma naħsibx. Tgħid mhux se noqgħod inċemplilha l-Awstralja biex ngħidilha.
MARIJA: Imma b'ittra, sakemm tasal l-Awstralja u ssir taf tilħaq issir għadam.

_Pawsa._

GREZZJU: _(lil STIEFNU, bil-mod)_ Immorru nieħdu flixkun birra?
STIEFNU: Kieku għandi aptit wieħed.
GREZZJU: _(jitkellem b'leħen ogħla)_ Se noħorġu ftit aħna. Dalwaqt inkunu hawn.
STIEFNU: M'għandkomx bżonn xi ħaġ'oħra qabel noħorġu?
KELINU: Xejn.
ĠUŻEPPA: Ħu t-tifel miegħek. _(lil ALEX)_ Mur miegħu Alex.
GREZZJU: U ħallih hawn.
ĠUŻEPPA: Mur rieqed, għax sejjer jixtri l-ħelu u ma jixtrilekx.

_ALEX iqum u jmur jiġri wara GREZZJU. STIEFNU u GREZZJU jkunu diġà ħarġu._

TONIO: Ma, bilħaqq qed niftakar, iċ-ċrieket tal-għerusija u tat-tieġ tan-nanna x'sar minnhom?
LONZA: Dawk qegħdin f'subgħajja ibni.
TONIO: Tal-għerusija kienet wegħdituli qabel mietet.

LONZA: Dak mhux tal-irġiel iżda la wegħditulek tista' tieħdu.
TONIO: Kellha wkoll salib tal-injam kbira, aqta' kemm kien jogħġobni. Jekk ma jridu ħadd nixtieq inżommu.
KELINU: Naf għal liema wieħed qed tgħid. Salib kbir hux li qed tgħid. Tista' żżommu.
ĠUŻEPPA: Dak għalfejn tridu?
TONIO: Biex indendlu m'għonqi.
KELINU: U itlaq 'l hemm li ma ngħidlekx x'tagħmel.
LONZA: U ħallih jagħmel li jrid. Daż-żminijiet mhux kollox jilbsu?
KELINU: Mela ħallih jagħmel li jrid.
ĠUŻEPPA: Sibtu xi ħaġa tiswa xi ħaġa f'kamartha?
LONZA: Xejn.
KELINU: Anzi sibna l-flus tad-difna, nqallbu 'l hemm u 'l hawn. Kienu moħbija taħt xi lożor fil-kexxun t'isfel tal-gradenza tagħha.
LONZA: Mill-bqija m'hemm xejn. Issa nsib regettier u kollox ngħidlu jkaxkarli 'l barra.
KELINU: L-arloġġ li kellha fuq il-gradenza nżommuh imma.
MARIJA: Dak tajjeb inżommuh għax tirranġawh ftit jiġi sabiħ.
LONZA: Barra minn hekk antik u jekk niġu biex inbigħuh ndaħħlu xi ħaġa tiegħu.
KELINU: Isma' l-oħra trid tbigħu. Jidher li mhux t'ommha.
ĠUŻEPPA: Kont qed naħseb. Nispera li z-ziju ma jaħsibx li ħalliet xi ħaġa warajha u jaħseb li żammejna kollox aħna.
KELINU: U għalfejn għandu jaħseb hekk? Ma jistax jobsor li n-nanna ma kellha xejn? Mhux fuq il-penzjoni kienet qed tgħix?
MARIJA: U bilħaqq fuq l-ilbies x'se nagħmlu. Jien lanqas għandi xejn iswed.
ĠUŻEPPA: Lanqas jien.
MARIJA: Jien mhux se nagħmel xi tliet xhur vistu. Nagħmel ġimgħa u daqshekk.
LONZA: Ġimgħa biss? Lanqas ħaqq kemm jgħidu bina n-nies.
MARIJA: Jien l-istess ħaġa se nagħmel daqs kemm ma nistax għalih l-iswed. Libsa waħda, nagħmel ġimgħa biha u daqshekk. Daż-żgur, se noqgħod kull fejn immur bl-istess libsa sewda, xi tliet xhur sħaħ.
TONIO: Jien ukoll mhux se noqgħod nilbes ingravati. Kieku biss, lanqas biss għandi waħda.
KELINU: Int ukoll issa. Lanqas daqsxejn rispett lejn in-nanna.
TONIO: U ħallini. Jien lanqas tal-iskola ma nilbes għax iddejjaqni, aħseb u ara kemm se noqgħod nilbislek ingravata sewda.
LONZA: Agħmlu intom. Bikom jgħidu n-nies u mhux bina.

_*TONIO jqum u joħroġ.*_

TONIO: Se mmur nagħmel ftit kafè ieħor.
MARIJA: Agħmilli ftit.
TONIO: Int ukoll issa. Agħmel int. M'għandix aptit noqgħod nagħmel għalik ukoll.

_*Pawsa. TONIO jidħol jidħaq bil-kafè f'idu u mur ipoġġi bilqiegħda filwaqt li jpoġġi l-kafè fuq it-tebut.*_

KELINU: X'ġaralek, dan id-daħq kollu.
LONZA: Aqtagħha Tonio. Ma tistħix. Issa ħin id-daħq?
TONIO: Għax ma, f'daqqa waħda ftakart meta n-nanna kienet darba qiegħda tiekol quddiem it-televixin u ma riditx tkompli tiekol għax ħasbet li dak li kien qed jaqra l-aħbarijiet kien qed jaraha tiekol.

MARIJA: Niftakar kemm konna dħakna dakinhar. U għalxejn tipprova tispjegalha li dawk ma jstgħux jarawha għax ma temmnikx. Baqgħet temmen sakemm mietet li dawk ta' fuq it-televixin jarawha wkoll.
TONIO: Ma nafx kif daħħlet ħaġa bħal dik f'rasha.
KELINU: Mur neħħihielha minn rasha.
TONIO: Imma l-isbaħ waħda kienet meta kienet taħseb li Val Doonican kien il-ħin kollu jitbissmilha. Kienet taħseb li jiffansjaha jew xi ħaġ'hekk.
MARIJA: U kemm kienet tgħir għalih, għax kienet tarah ikanta fost dawk it-tfajliet nofshom imnażża' hekk kienet tgħidilhom hi.
ĠUŻEPPA: Din-nanna wkoll. Iddaħqek kienet.
TONIO: Imma miskina kienet mara mill-aħjar. Għadni niftakar, ħafna drabi meta ma kienx ikun hemm ħadd id-dar, kienet toqgħod tirrakkontali l-ħajja tagħha, speċjalment ġrajjiet mill-aħħar gwerra dinjija u xi ġrajjiet mill-ħajja li għaddiet Ġibiltà. Kont nieħu gost nismagħha imma kultant kienet iddejjaqni wkoll.
LONZA: Kellha tagħha wkoll. Jien, per eżempju, l-aktar ħaġa li kienet iddejjaqni hija meta kienet tgħidli _(tipprova timitha)_ 'Lonz, agħmilli biċċa ħobż, biċċa żgħira, daqs galletta'.

_Jidħqu kollha._

LONZA: Kienet tagħmilli demmi ilma. Imbagħad kienet tiekol kulma tara.
KELINU: U mhux kulħadd hekk jagħmel.
LONZA: Isma' l-ieħor x'jaqbeż għaliha. U int m'għandikx għax tgħid għax bħalha tagħmel.

_Jerġgħu jidħqu kollha. Pawsa._

ĠUŻEPPA: Issa l-kamra tagħha min se joħodha?
LONZA: Tonio. Min tridu joħodha. Xi tgħid Tonio, ma trid torqod f'kamra akbar milli għandek?
TONIO: Għadni ma nafx, mami. Ngħidlek il-verità, naħseb li nibża' norqod fl-istess kamra li kienet torqod fiha n-nanna.
MARIJA: Beżżiegħ.
TONIO: Daqs kemm se torqod fiha int naħseb. Billi ma tibżax minn dellek.
KELINU: Imma l-kamra mhux se nħalluha l-istess. Kull m'għandha kemm ġew se nneħħuh. L-għamara tagħha – il-gwardarobba, is-sodda, l-komodina. Kollox. Kull m'għandha se nneħħuh. Anke l-ħajt se nagħtuh kulur ieħor.
LONZA: Jiġifieri m'għandikx minn xiex tibża'. Ħadd min se jieklok. Qisha tkun kamr'oħra.
TONIO: Imma jien nibża' mill-mejtin. Nibża' li n-nanna tidhirli bil-lejl jekk norqod fil-kamra tagħha.
LONZA: Int in-nanna kienet xi ruħ ħażina?
TONIO: Daż-żgur li le, anzi kienet vera mara tajba.
LONZA: Allura m'għandikx mnn xiex tibża'.
TONIO: Imma xorta waħda naħseb li mhux se norqod f'dik il-kamra għalissa għax nibża'. U b'dak it-taraġ quddiem, nibda nistennieha tiela' minnu kull darba.
KELINU: Il-kamra tan-nanna hija ferm isbaħ minn dik it-toqba l'għandek. Jekk titfa' skrivanija, biċċa xkaffa, sodda u xi żewġ siġġijiet malajr tieħu xejr'oħra.
LONZA: Jien fuq kollox, jagħmel li jrid. Jekk ma jridhiex malajr nagħmilha salott. Ara x'se ngħidlek ....
ĠUŻEPPA: _(taqtagħlha kliemha)_ Ma, donnu l-għatu tat-tebut qed narah jiċċaqlaq.

_Jaqgħu xi kikkri minn fuq it-tebut. Ikun hemm min jaqbad il-kikkra qabel taqa'._

MARIJA: Ma, taf li anke jien qed narah jiċċaqlaq l-għatu tat-tebut.

*Tidher id-tiftaħ l-għatu  tat-tebut. Kulħadd jibqa' bilqiegħda qisu ma qed jiġri xejn. Tidher ras u l-parti ta' fuq tal-ġisem tan-NANNA. Toqgħod bilqiegħda fit-tebut qisha qamet minn xi raqda twila.*

NANNA: Lonz, agħmilli dawra ħobż daqs galletta għax fjakkajt. Naħseb li rqadt fit-tul dal-lejl.
LONZA: *(waqt li tqum u toħroġ)* Se nibdew jekk Alla jrid, bid-dawra ħobż daqs galletta.

TMIEM